**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 111/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Mario Bonello )**

**Vs**

**MICHAEL ZAHRA**
**- omissis -**

**Illum, 22 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Michael Zahra talli (**1**) fid-19 t'April, 1999, f'Tal-Pieta', ghal habta tat-3.00 p.m., bil-hsieb li jisraq minn karozza bin-numru tar-registrazzjoni EBC 848 tal-marka FIAT, wera dan il-hsieb b'attijiet esterjuri w ta bidu ghall-esekuzzjoni ta'dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta'tieghu, liema attantat ta'serq huwa aggravat bil-mezz, (**2**) fl-istess perijodu, zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara fil-vettura msemmija, liema hsara ma tiskorriex il-hames mitt lira Maltin (Lm500), izda hija izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50), dan ghad-detriment ta'George Cristina.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 22 ta'Mejju, 2001, li biha, wara ammissjoni ta' l-istess Michael Zahra, sabitu hati ta' dawn l-akkuzi w kkundannatu ghal sena prigunerija.

Rat ir-rikors t'appell ta'Michael Zahra datat l-1 ta'Gunju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka l-parti tal-piena biss u minflok tigi mposta piena gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena ta' sena prigunerija mposta mill-ewwel Qorti fuq l-appellant, li hu jghid li ma kienetx wahda gusta fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Fil-fatt l-appellant qed jitlob ir-riforma f'din il-piena l-ghaliex fil-prezent hu qed jattendi kors residenzjali fic-Centru tar-Riabilitazzjoni ta'Santa Marija (Sedqa) kontra l-vizzju tad-droga, fejn ilu mit-22 ta'Mejju, 2000, u baqghalu xi sbatax il-xahar sabiex jikkompletah.

Fuq dan il-punt, din il-Qorti semghet lill-Probation Officer Victoria Grech, kif ukoll lill-Jack Grech tas-Sedqa u dawn ikkonfermaw li l-appellant qed jaghmel progress sostnut f'din il-glieda tieghu biex johrog minn dan il-vizzju tad-droga w werew fiducja li sejjer jirnexxielu jaghmel dan.

Kif dejjem sostniet din il-Qorti, fejn jidhrilha li xi hadd genwinament qed jaghmel minn kollox sabiex jgheleb dan il-vizzju w jerga' jirreintegra ruhu sewwa fis-socjeta', hi toqghod attenta li ma taghmel xejn li b'xi mod tisfratta kull progress jew success li jkun ghamel ghal dan l-iskop. Mill-banda l-ohra, il-Qorti trid ukoll tqis l-interessi tas-socjeta' u tara li jinholoq bilanc adegwat bejn dan u l-interessi tal-hati.

Fil-kaz prezenti, jirrizulta li l-appellant gja' gie kundannat diversi drabi ghall-piena karcerarja w anke tpogga taht Ordni ta'Probation darbtejn taht is-sorveljanza ta'Probation Officer. Mhux il-kaz, ghalhekk, li din il-Qorti taghmel xi Ordni ta'Probation ohra. Forsi, izda, hu l-kaz li hawnhekk jezistu dawk ic-cirkostanzi partikolari li jimmitigaw favur li tinghata piena fl-anqas grad possibbli, mizmum dejjem in kunsiderazzjoni l-imsemmi bilanc li jrid jinholoq, u dan sabiex il-progress kollu li ghamel l-appellant ma jtirx mar-rih. Hu propju il-kaz, ghalhekk, li tigi riformata l-piena billi z-zmien tal-prigunerija jigi mnaqqas, bir-rakkomandazzjoni li ma jsir xejn li jfixkel lill-appellant fil-kors ta' riabilitazzjoni li qed jaghmel bhalissa f'Santa Marija.

Ghalhekk l-appell ta'Michael Zahra qed jigi milqugh b'dan li din il-Qorti filwaqt li qed tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn sabet u ddikjarat htija fl-appellant fl-akkuzi dedotti kontrih, tirrevokaha w thassarha fil-parti tal-piena, u minflok il-piena mposta mill-ewwel Qorti, qed timponi fuq l-appellant piena karcerarja ta'sitt xhur, bir-rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta'Kordin li l-appellant jithalla jkompli jsegwi l-programm residenzjali li qed jaghmel bhalissa fi hdan is-Sedqa ghar-riabilitazzjoni tieghu kontra l-vizzju tad-droga.

Aldo Testone

Deputat Registratur